31995R2700



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 2700/95

## tat-22 ta' Novembru 1995

## li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1802/95 li jemenda r-Regolamenti illi ffissaw, qabel l-1 ta' Frar 1995, ċerti prezzijiet u ammonti fis-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib minn liema l-valur f'EKU kien adattat bħala riżultat tat-tneħħija tal-fattur korrettiv għar-rati ta' konverżjoni għall-agrikoltura

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1538/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5ċ (7) tiegħu,

Billi żvista waħda għandha tiġi kkoreġuta fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1802/95 [3];

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1802/95 is-segwenti linja hija mdaħħla wara r-Regolament (KEE) Nru 1158/91 u qabel ir-Regolament (KEE) Nru 3378/91:

POZIZZJONI FIT-TABELLA

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|
| Regolament | Riferenzi | Ammont ta' qabel ma'tibdil-fuq | Ammont ġdid ma'tibdil-fuq | Ammont ġdid applikabbli minnfl-1 ta' Settembru 1995. |
| "(KEE) Nru 1637/91 | Artikolu 2(5) | 10 | 12,08 | 12,08" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fil-ġurnata wara li jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika lill-ammonti konvertiti f'munita nazzjonali mis-sena ta' marketing 1995/96 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, fit-22 ta' Novembru 1995.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 148., 1995.6.30., p. 17.
[2] ĠU L 148., 1968.6.28., p. 13.
[3] ĠU L 174., 1995.7.26., p. 27.